

# Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Ċappuna

## illum fil-limiti tal-Marsa - fl-antik kienet tagħmel parti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - Ħal Qormi



**Joseph Giorgio**

Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Ċappuna hi antika ħafna. Tgħodd mill-ħmistax-il seklu. Tinsab fil-kumpless sportiv tal-Marsa f'ambjent mill-isbaħ. Fl-antik kienet tagħmel parti mil-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi. Il-kappella hija ddedikata lil Santa Marija, iżda komunament magħrufa l-aktar bħala ta' Ċappuna. Dan il-kappella hija waħda minn dawk il-kappelli mxerdin ma' Malta u Għawdex u bħal kappella oħra għandha xi ftit jew wisq l-istorja tagħha. Bħala kappelli rurali tinsab moħbija, imma ppriservata tajjeb, peress li kienet 'il bogħod mill-għajn f'nofs il-pjanura ħadranija tal-Marsa.

B'xorti tajba, matul dawn l-aħħar snin, twettaq proġett ta' restawr fuqha. Ingħatat somma flus mill-HSBC Bank, lill-Malta Heritage Fund. Ix-xogħol fuq il-kappella sar mit-taqsima tar-restawr tal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura, bi ftehim mad-Diriġenti tal-Marsa Sports Ground u l-Perit Ninu Zammit, biex ikun jista' jsir ix-xogħol ta' restawr. Il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura qed jirrestawra bini storiku madwar Malta u Għawdex, u din hija ħaġa ta' min ifaħħarha.

Is-saqaf tal-kappella qed jistrieħ fuq tliet arkati, u bejn kull arkata hemm tliet ringieli ta' xewk li jiffurmaw is-saqaf. L-art hi magħmulha minn ċangaturi kbar tal-franka. Fil-kappella hemm altar tal-ġebel tarġa waħda, u mal-ħajt ta' l-altar kien hemm il-kwadru ddedikat lil Santa Marija. Tagħrif importanti dwarha huwa, li meta miet il-Gran Mastru L'Isle Adam fit-23 t'Awissu 1534, u ħaduh lejn il-Birgu, il-ġisem mejjet tiegħu daħluh jistrieħ f'din il-kappella ta' Ċappuna u mbagħad ħaduh lejn il-Birgu għall-funeral.

Il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann ħallew il-Gżira ta' Rodi fl-1522. Wara huma kienu stabbilew ruħhom temporanjament fil-Belt ta' Viterbo, qrib Ruma. L-Ordni issa beda jfittex sede ġdida għalih fl-Ewropa. Karlu V ta' Spanja, offrielhom il-Gżira ta' Malta. Huma qatgħuha li jilqgħu din il-proposta u ntbagħtet kummissjoni biex tagħti rapport dwar il-gżejjer Maltin. Peress li kien ġie mpurtat li l-Gżira ta' Malta għandha żewġ portijiet kbar, li jesgħu flotot kbar huma tħajru jiġu hawn minħabba li l-Ordni kien potenza qawwija fil-baħar Mediterran. Il-Gran Mastru L'Isle Adam (1521-1534) u l-Kavallieri waslu Malta fis-26 ta' Ottubru 1530, wara vjaġġ minn Sirakuża għal Malta. Il-Gran Mastru niżel l-art u baqgħu sejrin lejn il-Birgu, biex ikantaw Te Deum ta' ringrazzjament. L-Ordni kien stabila ruħu fil-kawartieri Ġenerali tiegħu, ġewwa l-Kastell Sant'Anġlu.

Fit-13 ta' Novembru 1530, L'Isle Adam, bħala l-Ewwel Gran Mastru ta' Malta ħareġ bil-karozzella tiegħu mill-Kastell Sant'Andrija, fi triqtu lejn l-Imdina, akkompanjat minn bosta dinjitarji ta' l-Ordni, biex jieħu pussess ta' l-Imdina u ta' Malta, bħala l-Ewwel Gran Mastru ta' l-Ordni f'Malta. Purċissjoni wasslet lill-Gran Mastru sal-Bieb ta' l-Imdina, fejn ġie mogħti par imfiertaħ, fejn imbagħad il-Gran Mastru ħa l-Ġurament ta' lealtà lejn Malta u s-sudditi tagħha kollha. Hekk intemmet dik iċ-ċerimonja.

Fl-1575, waqt żjara Pastorali ta' Mons. Pietru Dusina, kien żar din il-kappella ta' Ċappuna. Kienet riferuta fir-rapport tiegħu bħala *Chiesa della Beata Vergine Maria Asunta di Cappuna nel Territoria Marsa.* Matul is-snin kemm l-elementi tan-natura u t-temp, għamlu ħafna ħsara lill-bini tal-kappella. Għall-mijiet ta' snin il-kappella kienet tintuża mill-kaċċaturi għas-smigħ tal-quddies, qabel dawn jipprattikaw il-kaċċa. Il-kappella sofriet ħsarat matul it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) sew meta kienet tintuża bħala maħżen u anke minħabba il-bombardamenti. Mhux bogħod wisq minnha kien waqa' ajruplan tal-ġlied Ġermaniż.

Issa li din il-kappella, li għal xi żmien kienet abbandunata u minsija minn kulħadd, wieħed jista jmur jaraha, u jgawdi l-ambjent sabiħ ta' madwarha, filwaqt li jibża' għall-post, ma jħammiġx u ma jagħmilx ħsara, u jiftakar li din il-kappella ngħatat dehra oriġinali b'investiment mill-gvern u mill-privat.